MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Numru. 992/2011

Il-Pulizija
(Sp Anna Marie Micallef)
vs
Kurt Bugeja, iben Carmel, imwieled Pieta’ fis-6 ta’ Ġunju, 1993, Karta ta’ l-Identita numru 258593(M)
u
Kyle Falzon, iben Joseph, imwieled Pieta’ fit-30 ta’ Settembru, 1994, Karta ta’ l-Identita numru 434794(M)
u
Kimberly Caruana, bint Alexander, imwielda Pieta’ fil-11 ta’ Ottubru, 1994

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fl-24 ta’ Ġunju, 2011 għal ħabta tal-ħdax ta’ fil-għaxija fi Triq C. De. Brockdorff, l-Imsida:
1. ikkomettew serq għad-dannu ta’ Victoria Marie Christine Gundel, liema serq hu kkwalifkat bil-vjolenza, bil-

valur li jeċċedi s-somma ta’ €232.94 iżda anqas minn €2,329.37 u bil-ħin;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġunaw ferita ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Victoria Marie Christine Gundel, kif iċċertifika Dr. Jan Chircop M.D. miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Ottubru, 2011 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Ottubru, 2011 fejn il-Qorti ġiet infurmata li r-refurtiva ġiet mogħtija lura lil sidha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta’ l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 221(1), 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a), 267, 270, 274(d) u 277(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedini penali netti, l-ammissjoni bikrija u l-eta’ ta’ l-imputati. Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------